**MINUTI**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**
**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU SITTA**

**3 ta' DIĊEMBRU, 2010**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**6.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

6.1.1 Il-minuti tas-seduta numru 5 ġew apporvati.

***6.2*** ***Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

6.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li sal-lum kienu għadhom ma' waslux id-devoluzzjonijiet jew guardianships tax-Shelter u l-Imtgħali għalhekk il-Kumitat ma jistax japplika għall-fondi tal-ERDF. Hu zied jgħid li inutli li jiġi mfassal proġett u ma tkunx tista ssir l-applikazzjoni tal-fondi mill-UE għax biex jitfassal il-proġett ikun jeħtieġ li jinħarġu fondi oħra ta' spejjeż tal-perit.

Kien hemm qbil fuq dan.

6.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, qal li llum li l-Kunsill tneħħewlhom il-ħaddiema assenjati magħhom tal-IPSL, il-Kumitat Amministrattiv ser iħoss il-piż ta' finanzi għax-xogħol li kienu qed jagħmlu huma bħal qtugħ ta' ħaxix u refresh ta' sinjali tat-traffiku.

Hu ssuġġerixxa li tinkiteb ittra lid-Direttur Ġenerali s-Sur Martin Bugelli, f'isem il-Kumitat Amministrattiv sabiex tintalab persuna li tkun assenjata mal-Kumitat Amministrattiv.

Kien hemm qbil fuq dan.

6.2.3 Iċ-Chairperson qal li l-ittri lir-residenti ta' St Agatha Complex tqassmu u jidher li qed tinżamm l-indafa.

## *6.3 Attivita' tal-Milied*

6.3.1 Iċ-Chairperson issuġġerixxa li għal żmien il-Milied jiġi organizzat Party għat-tfal ta' Bubaqra.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li :

- l-party jsir għat-tfal ta' bejn il-5 snin u t-12 –il sena,
- fis-sala Aida ta' Triq G M Callus li ser iżomm 50Euro inc. VAT.
- Bħala animazzjoni jiġi mistieden id-Dulli u persuna oħra miż-Żurrieq bħala *magician*, (Dan l-item ser jieħu ħsiebu l-membru Joseph D'Amato)
- jiġi mixtri rigal żgħir ta' mhux aktar minn 5 Euro għal kull tifel u tifla li tattendi ( dan l-item ser jieħu ħsieb iċ-Chairperson)
- Jiġi ordnat ikel ta' bejn wieħed u ieħor 1.60Euro għal kull tifel u tifla. (Il-Viċi Chairperson Maria Schembri kellha tieħu ħsieb dan l-item)
- Jiġi ordnati Għad-drinks tal-partser jieħu ħsieb il-membru Joseph D'Amato

Kien hemm qbil li jinħareġ poster biex jitqassam fil-ħwienet ta' Bubaqra fejn jiġi nfurmat li l-Party jsir fis-6 ta' Jannar 2011, bejn il-17:00 u 19:00 u l-biljetti għall-party jinġabru għall-ħlas ta' 2Euro mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill sat- 30 ta' Diċembru, 2010. Għandu jsir avviż fuq l-artal fil-kappella ta' Bubaqra u jekk is-Sindku japprova jsir avviż fil-Kunsill News li

ser joħroġ qabel il-Milied.

Kien hemm fuq dan kollu.

6.3.2 Il-Membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex jerġa jintrama' l-presepju f'Misraħ Santa Marija. Kien hemm qbil fuq dan u li għandu jsir ftehim bejn il-membri biex jiġi armat il-presepju minnhom stess.

### *6.4 Ilmenti*

6.4.1 Il-membru Joseph D'Amato qal li l-qsari fuq iz-zuntier tal-kappella ta' Bubaqra tlestew u kellu kummenti tajbin fuqhom.

Joseph D'Amato qal li rnexxielu jġib żewġ siġriet b'xejn għas-*central strips* li kien sar ftehim fuqhom fis-seduta numru 5.

Il-membru Joseph Caruana ssuġerixxa li jerġa jiċċekkja l-plots vojta mingħajr boundary wall li hawn f'Bubaqra u terġa tinkiteb ittra lill-MEPA cc lill-Onor. Chris Said biex iġġgħiel lis-sidien itellgħu l-ħajt. Kien hemm qbil fuq dan.

Wara l-ilment li ġie rrapportat biex issir *stop sign* u marking fi Triq Fra Gan Marie Zammit kien hemm qbil li ssir t-talba lit-TM.

Kien hemm qbil li jitkompla l-patching fejn meħtieġ fit-toroq ta' Bubaqra. Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li kull min ikollu xi lment ta' patching f'Bubaqra jiġu avżati l-membri li huma nkarigati minn dan ix-xogħol (Joseph D'Amato u Joseph Caruana) biex dawn ikunu jafu bihom u wara ssir l-Works order.

Il-membru Annetto Bugeja reġa ssuġġerixxa li jsir il-manutenzzjoni tal-istatwa li hemm f'Misraħ Santa Marija. Kien hemm qbil li terġa tintbagħat reminder tal-email li l-Kumitat kien bagħat lill-Onor Geroge Pullicino fuq tali xogħol.

Kien hemm qbil li ssir pressjoni mal-Koptasin biex jitħaffef ix-xogħol ordnat għat-traffic management fi Triq Santa Marija u Vjal l-Indipendenza.
Kien hemm qbil li b'referenza għall-ittra li l-Kumitat

Amministrattiv irċieva mit-TM datata 24 ta' Novembru, 2010, bil-permessi ta' zebra crossings u bankini fejn meħtieġ, terġa tinkiteb ittra lit-TM fejn tinfurmhom li Bus Stop numru 3 fi Vjal l-Indipendenza ma jintużax u m'hemmx il-bżonn li ssir bankina kif mitlub. Kien hemm qbil li tintalab konferma ta' dan mingħand s-Sur Kevin Zahra tat-trasport pubbliku biex tiġi mehmuża mal-ittra li ser tintbagħat lit-TM.

### *6.5 Appuntament għas-seduta li jmiss*

6.5.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 3 ta' Jannar, 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.

6.5.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Jannar, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**